# Sireni u Serenati

## *Kif daħal Ħad-Dingli fl-Istorja ta' Tfuliti*

**Fl-okkażjoni tas-sittin sena mit-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija, il-Bord Editorjali stieden lil LINA BROCKDORFF taqsam magħna t-tifkiriet tagħha ta' dak il-perjodu, li matulu flimkien mal-familja tagħha sabet kenn f'Ħad-Dingli, ir-raħal li laqa' għadd kbir ta' refuġjati. Brockdorff hi l-awtriċi tal-ktieb 'Sireni u Serenati', ippubblikat fl-2004 u mibni fuq l-esperjenzi personali tagħha matul dan iż-żmien diffiċli.**

Biex niftehmu sew ikollna mmorru lura ftit snin ġmielhom; barra minn hekk jeħtieġ li naraw bil-għajnejn ta' dak iż-żmien, u aktar minn hekk nikkalkulaw bil-kejl ta' dak iż-żmien. Għax, għidli ftit min kellu jiġi jgħidli li jien tifla mwielda u noqgħod l-Isla f'qasir żmien kelli mmur noqgħod ix-xaqliba l-oħra ta' Malta? Illum b'karozza tagħmel din id-dawra f'inqas minn nofs siegħa, imma dak iż-żmien ma kienx hekk u meta ssemmi Had-Dingli lil xi ħadd Senglean qisek qed isemmi New York għaż-żmien tal-lum.

Imma ejja nibdew mill-bidu. Sa ftit qabel il-Gwerra ta' l-1939-1945 konna noqgħodu l-Isla u konna kuntenti u kien komdu għalina billi missieri kien ħaddiem tat-Tarzna. Bħal bosta familji ta' dak iż-żmien ommi u missieri sa minn meta tejġu kienu joqgħodu fl-istess dar jew qrib sew ta' nannti Ċetta u ziti Carmen. Dan sa ma ziti ħolmot li jmorru jippruvaw isibu dar Tas-Sliema li dak iż-żmien kienet għadha kif bdiet titwieled bħala belt mhux biss ta' villeġġatura, imma li jgħixu fiha s-sena kollha. Hekk għamlu. Ommi ħasset in-nuqqas ta' nannti, u nannti ma felħitx tibqa' bla ma tara u tieħu kuljum aħbar it-tliet neputijiet li kellha. Niftakru li dak iż-żmien ma kienx hemm telefon fid-dar.



*Il-qoxra tal-ktieb 'Sireni u Serenati'*

Allura ommi u missieri għall-bidu ta' l-1939 sabu terran ċkejken Tas-Sliema biex jaraw jekk jidrawx hekk. Wara ftit nannti mietet ħesrem, ziti marret il-Belt u aħna xorta spiċċajna weħidna. Imma sadattant beda l-għidud tal-gwerra. U hekk ġara. Wara l-ewwel attakk tat-Taljani warrabna minn Tas-Sliema u morna Santa Venera, lura Tas-Sliema għax ħsibna li l-gwerra ser tispiċċa. Imma meta l-bombi pperswadewna li l-gwerra ma spiċċatx, erġajna warrabna minn Tas-Sliema u morna Ħal Bajjada, ir-Rabat. Hemm marad ħija ż-żgħir bl-imxija l-kerha li kienet qed tkaxkar bosta tfal u bejn in-nuqqas ta' kumdità u bejn it-tama li t-tibdil ta' arja jkun tajjeb għaċ-ċkejken erġajna lura Tas-Sliema.

Konna għadna qed niġu attakkati biss mit-Taljani, imma meta ġie l-ewwel attakk aħrax tal-Ġermaniżi f'Jannar tal-1940 l-istampa nbidlet għal kollox. Kellna xorti li missieri baqa' ħaj wara dak l-attakk fuq it-Tarzna u t-Tliet Ibliet u malli ġie lura d-dar hemm lissen għall-ewwel darba l-isem ta' Ħad-Dingli.

"Ejjew, ħaffu! Ippakkjaw biċċtejn ħwejjeġ, u nfittxu nitilqu lejn Ħad-Dingli."

“Dan Ħad-Dingli fejn jaħbat?” issugrat tistaqsi ommi. Imma missieri ma riedx jitlef ħin fi spjegazzjoni u wegħedha li fit-triq igħidilna kollox. Ħadd ma ssogra jagħmel aktar mistoqsijiet għax kulħadd kien għadu qed jisma' jirbombja f'widnejh it-tfaqqigħ ta' dik il-kwantità ta' bombi taż-żewġ attakki li ġew qrib xulxin. Seta' kien hemm ieħor jistenniena. Dan kien għall-ħabta ta' xi tlieta u nofs ta' wara nofs inhar.



*Id-dħul għall-għorfa ta' Palal fi Triq il-Buskett*

Kellna naqbdu tliet karozzi tal-linja, jekk inkunu xxurtjati li nsibuhom. Ħadd ma jlum lix-xufiera li kienu mwerwrin u bosta drabi ma jagħmlux il-vjaġġi li suppost kellhom jagħmlu. Minn Tas-Sliema sal-Belt wasalna bis-sliem. Imma fit-tieni parti bejn il-Belt u r-Rabat x'ħin konna l-Imrieħel, bdiet tinghi s-sirena biex tħabbar attakk ieħor. Bżajna li ser ikun it-tielet wieħed bħal dawk ta' qablu. Tal-linja waqfet u dabbarna rasna f'maħżen vojt li sibna miftuħ, kulħadd jitlob, kulħadd isfar mewt. B'xorti tajba ma kienx attakk aħrax u wara ftit komplejna triqitna. Sadattant missieri beda jirrakkuntalna kif wara l-ħruxija taż-żewġ attakki waqt li kien għadu t-Tarzna, l-apprentista tiegħu Carmelo Camilleri kien offrielu kenn fl-istess dar ta' ommu f'Ħad-Dingli. Dan Carmelo kien ġuvni mill-aħjar li tassew jirrispetta lil missieri u kien permezz tiegħu li aħna wasalna Ħad-Dingli. Il-karozza ta' Ħad-Dingli damet ma telqet mis-Saqqajja, kien beda jraxxax id-dlam u aħna l-erbat itfal konna għajjenin u bdejna nibżgħu mhux biss mill-attakki imma wkoll mid-dlam. Kien hemm ordni stretta li barra jeħtieġ li jinżamm kollox fid-dlam, la lampi tat-toroq u lanqas tal-korozzi.

X'ħin bl-għajnuna t'Alla wasalna r-raħal u tal-linja waqfet qrib l-Għassa tal-Pulizija missieri malajr għaraf lil Carmelo li kien ilu jistenniena hemm għal xi sagħtejn. Kienu saru xi s-sebgħa. Liema kliem jista jfisser x'kien ifisser għalina li konna milqugħin mill-familja kollha tiegħu? Ħassejna li mill-infern konna sibna ġenna ta' rifuġju. U laqgħuna xi ħaġa! B'liema mħabba bdew iserrħulna moħħna biex ma nibżgħux, biex inqisu dik id-dar bħal l-istess darna, li hemm konna 'l bogħod mill-bombi u l-qirda u l-mewt. Hejjewlna fejn norqdu, ipprovdewlna l-ikel. Ma kien jonqosna xejn.



*L-inħawi fuq wara ta' l-għorfa ta' Palal (illum biswit Triq San Ġwann Bosco)*

Ma setgħux jagħmlu aktar magħna dawk ta' Camilleri, u meta wara ftit jiem is-Surmast Ġużè Ebejer fetaħ l-Iskola tal-Gvern għar-refuġjati u ħassejna li għandna nħallu lil ta' Camilleri bi kwiethom, huma ma xtaquniex inwarrbu minn magħhom.

Kienu l-ewwel Dinglin li laqgħuna u li sirna nafu. Kienu l-ewwel ambaxxaturi ta' raħal ċkejken, aktarx minsi minn kulħadd dak iż-żmien, imma fejn ir-raħħala tiegħu wrew mogħdrija u mħabba ma' kull minn sab kenn hemm. Is-Surmast Ebejer kien it-tieni Dingli li ħabbatna wiċċna miegħu li

mhux biss laqagħna f'terz ta' klassi fl-iskola, imma wara pprova, flimkien ma' ibnu Frans jgħinna wkoll meta bdejna mmorru dik l-iskola. Imbagħad sirna nafu lill-ġirien tagħna ta' Triq il-Buskett fejn konna noqgħodu fl-għorfa ta' Palal. Kien hemm Kaneni, Marija, il-Legleg, il-Bejjina u żewġha, Franġiska bil-familja kbira tagħha u Menzja u wliedha Frans u Claudio. Karattru simpatiku ferm baqa' għalija l-għalliem is-Sur Vinċenz Bonello, jew kif konna aktar insibuh bħala 'il-Biżżu'. Kont nibża' minnu u nirrispettah fl-istess ħin, kien għalliem mill-aħjar u li ma jaqta' qalbu minn xejn. Kien hemm Jimmy Abela u l-familja tiegħu, li ma' ibnu Joe għandna ħbieb sal-lum.

U xi ngħidu mbagħad għal Menzja tal-ħanut tal-merċa. Kellha qalbha tad-deheb u qatt ma naf li dħalna darba fil-ħanut tagħha u ma tagħtniex mill-moħba ta' taħt il-bank fettul ħobż imqar iswed u niexef, imma ħobż, li għalina dak iż-żmien kien jiswa aktar minn deheb u djamanti. Kien hemm bosta karattri oħra li biex insemmihom kollha neħtieġ ferm aktar tul; Dinglin li għamlu minn kollox biex f'dawk il-jiem ta' twerwir u qtigħ il-qalb jitfgħu xaqq ta' tama, imħabba u ħbiberija fi tfulitna. Dawn in-nies ma ninsihom qatt. Dawn rabtuli qalbi mar-raħal ta' Ħad-Dingli b'irbit ta' imħabba u nostalġija.

Huwa għalhekk li meta niġi sar-raħal taraw il-karozza tiegħi wieqfa wara x-xatba taċ-ċimiterju grazzjuż barra r-raħal. Kif nista' niġi hemm u ma nieqafx insellem u ngħid talba għal nies bħal dawn li semmejt? Kemm tassew konna xxurtjati aħna ta' Mahoney, li Carmelo Camilleri stedinna biex nirfsu għall-ewwel darba fir-raħal ta' Ħad-Dingli!

ROAD SERVICING Ltd.

**TRIQ IL-ĦWAWAR, XWIEKI,**
**L/O NAXXAR NXR 09**

# ROAD BUILDING CONTRACTORS

***Specialising in:***

- **RESURFACING OF ROADS**
- **SCARYFYING OF ROADS**
- **SUPPLIERS OF AGGREGATE MATERIAL**
- **KERB, PAVEMENT AND DRIVEWAYS CONSTRUCTION**

**Kindly contact our Office on**
**Tel: 21441772 - Fax: 21441773**
**Mobile: 99492418 - 99444069**
**E-mail: rsl@waldonet.net.mt**